**Minuti tal-kontinwazzjoni tal-Laqgħa nru 24 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret , It-Tlieta 28 ta' April 2009 wara li din il-laqgħa bdiet fis-6 ta' Jannar 2009 u kompliet L-Erbgħa 25 ta' Frar 2009 u il-Ġimgħa 3 ta' April 2009**

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | TIME IN | ~~Time In~~ TIME OUT |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 8.00 p.m. | 11.10 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 8.00 p.m. | 11.10 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.00 p.m. | 10.02 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.00 p.m. | 11.10 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.45 p.m. | 10.02 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.00 p.m. | 10.02 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 8.00 p.m. | 11.10 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.00 p.m. | 11.10 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.00 p.m. | 11.10 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużata | |

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa kif ukoll l-accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante.

Qabel bdiet il-laqgħa sar it-tberik tal-Kunsilliera u l-uffiċini tal-Kunsill mill-Arċipriet tal-Mosta Fr Mario Tong.

Il-laqgħa bdiet fit-8.35 p.m.

**1.0 Materji Finanzjarji**

1.1 Is-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-laqgħa tgħaddi mill-ewwel fuq materji finanzjarji peress li kienet preżenti l-accountant tal-Kunsill is-Sinjura Romina Perici Ferrante. Issekonda Mario Sammut u sar qbil unanimu.

1.2 Is-Sinjura Perici Ferrante spjegat il-quarterly returns ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet quarter tas-sena korrenti. Il-financial indicator kien juri +0.46%, +0.12 u 1.09% rispettivament. Hija qalet li kien mistenni li l-Kunsill jagħlaq is-sena (31 ta' Marzu 2009) b'bilanċ żgħir ħafna. L-accounts ta' l-aħħar tas-sena kienu qed jinħadmu u hu mistenni li dawn jiġu ippreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss. Ġew approvati unanimament d-dokumenti ppreżentati.

1.03 Ġew approvati ukoll unanimament żewġ listi ta' pagamenti kif ġej:

1) Lista ta' pagamenti urġenti għal perjodu 24/11/08 sa 24/04/09 għall-ammont ta €620,219.15
2) Approvazzjoni ta' lista għall-ħruġ ta' pagamenti għall-ammont ta' €103,074.45

Is-Segretarju irrisponda għall xi mistoqsijiet li saru.

1.04 It-tabiba Shirley Farrugia staqsiet dwar kemm swiet il-lapida tal-paroċċa li tqegħdet fil-paviment ta' Triq il-Parroċċa.

1.05 Is-Sindku talab lis-Segretarju jpoġġi fuq il-mejda il-quotation bil-prezz ta' €9,086 (including il-vat) tal-lapida u spjega li din kienet tixraq li ssir wara dak ix-xogħol kollu li sar fl-embellishment ta' dawn it-toroq. Dan ix-xogħol ġie apprezzat u

mfaħħar minn kulħadd u għalhekk huwa jħoss li minkejja l-prezz ta' din il-lapida huwa kellu japprova din l-ispiża anke jekk il-flus tal-UIF ma kienux biżżejjed għaliex bħal ma jiġri dejjem f'xogħlijiet bħal dawn l-istimi tal-Periti dejjem jinqabżu.

1.06 Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda l-assessment reports annwali li huwa kien ipprepara dwar l-istaff tal-Kunsill li kienu kollha ġew iffirmati mill-istaff ikkonċernati u talab li jiġu approvati kemm il-bonus annwali kif wkoll l-increments fejn kien il-każ. Ġie approvat unanimament bonus ta' 6% għall-istaff klerikali kollu.

1.07 Is-Segretarju offra li joħroġ mill-kamra sabiex tkun tista tiġi diskussa l-performance tiegħu personali bħala Segretarju Eżekuttiv iżda huwa ntalab li jibqa fil-kamra u ġie approvat unanimament il-full bonus ta' 10% għas-Segretarji Eżekuttivi.

- F'dan il-ħin is-Sinjura Perici Ferrante ħalliet il-kamra.

**2.0 Attivitajiet**

*Is-Sindku talab li jiġi diskuss dan is-suġġett. Ma kienx hemm oġġezzjoni.*

2.1 Ġiet approvata is-somma ta €300 għal-serata kommemorattiva f'Ġieħ George Mifsud Chircop u Michael Sant kif proposta mill-Kumitat għar-Riġenerazzjoni Kulturali. Din ġiet approvata li ssir f'Mejju.

2.2 Ġie approvat budget ta' €500 għal attivita '*Għodwa Mostija Ta' Għana*' fil-Pjazza Rotunda u oħra ta' football tournament bis-somma ta' €250. Dawn ser jitellgħu mill-Kunsilliera responsabbli mill-Kultura is-Sinjorina Kirby Fenech.

2.3 Ġie approvat li tiġi organizzata *Boxing Activity* fil-Car Park tal-Pjazza.

2.4 Ġew approvati żewġ attivitajiet għall-anzjani mill-Kunsillier Mario Sammut, waħda fit-8 ta' Mejju u oħra (coffee morning) fit-28 ta' Mejju għal total ta' mhux aktar minn €1400.

2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li billi meta jkun hemm xi okkażżjoni jew attivita fil-car park tal-pjazza dejjem jkun hemm diffikulta sabiex ma jsirx parking ta' vetturi, jsiru ħofor f'punti strateġiċi sabiex kif sar fil-każ tat-Triq tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jkun jistgħu jitwaħħlu bollards temporanji u ħbula. Ġie approvat li jitqabbad l-istess kuntrattur li għamel tal-Pjazza u ta' Main Street bl-istess kundizzjonijiet.

2.6 Is-Sinjura Josette Agius Decelis talbet u ġie approvat li jsiru korsijiet ta' tagħlim ta' vjolin għat-tfal u żgħażagħ Mostin.

2.7 Ġie approvat wkoll li l-Kunsilliera Josette u Kirby jorganizzaw flimkien kemm il-Wirja tal-Bidnija kif ukoll il-Lejla Mostija fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta fuq l-istess linji tas-sena l-oħra iżda b'aktar pubbliċita.

**3.00 Pagamenti lill-Kuntratturi**

3.01 Ġie approvat it-tieni pagament lill EMM għax-xogħol ta' bini tal-latrina għall-persuni b'diżabilita kif approvati mill-periti Sant & Mugliette u skond it-tliet rapporti tal-Perit Maurice Galea. Dan il-proġett ġie jiswa total ta' Euros 51,645.14

3.02 Ġie approvat it-tieni pagament lill-kuntratturi Micallef u Curmi għax-xogħol tat-tneħħija ta' konok skond rapport tal-Perit Etienne Magri ta' Sant & Mugliette.

**4.0 Applikazzjonijiet għal Proġetti taħt l-iskema tal-Unjoni Ewopeja**

4.01 Is-Sindku spjega li billi kien hemm urġenza għaliex ċerti applikazzjonijiet iridu jsiru sat-28 ta' Mejju kien hemm bżonn li jiġi ingaġġat il-Perit Charles Buhagiar sabiex jkun jista jagħmel xogħol kemm fuq tiswijiet ta' toroq kif wkoll fuq dawn l-applikazzjonijiet li bilfors iridu jsiru bl-għajnuna ta' perit għalkemm is-Sindku qal li kellu dubju kemm dan ix-xogħol jista jsir fi żmien daqshekk qasir.

4.02 Is-Sindku fakkar li l-kuntratt tal-Periti Sant & Mugliette qatt ma nstab iżda kien żgur li dan kien skadut u għalhekk kienet ser tintbagħat ittra irreġistrata lill Sant & Mugliette li tavżahom b'dan u jinħareġ tender ġdid għall-servizzi ta' Periti.

4.03 Is-Sur Joe Demartino oġġezzjoni għall-ħatra ta' Contracts Manager għall-raġunijiet li huwa kien diġa spjega f'partijiet oħra ta' din il-laqgħa. Huwa qal li s-Sindku kienn messu ħaseb qabel sabiex joħroġ Tender għall-periti. Iżda il-Contracts Manager ma setax jagħmel xogħol ieħor għajr dak kif speċifikat fit-tender tal-patching.

4.04 Saru diversi interventi u interruzzjonijiet u fl-10.02 p.m. it-tlett kunsilliera Nazzjonalista preżenti ħarġu il-barra mill-kamra, għax sostnew li dan jmur kontra l-liġi.

**5.0 Il-laqgħa kompliet bis-sitt Kunsilliera laburisti preżenti.**

5.01 Ġie ikkonsultat it-text tal-liġi tal-Kunsilli u s-Sindku iddikjara li kien ser jissepara iż-żewġ issues, jiġifieri dik tal-Contracts Manager, u l-bżonn li jinħatar Perit għall-applikazzjonijiet ta' proġetti taħt l-iskemi tal-Unjoni Ewropeja.

5.02 Huwa qal li kien ser jressaq mozzjonijiet kif titlob il-liġi għal konsiderazzjoni tal-Kunsill fis-seduta li jmiss. Dawn jirrigwardjaw il-Contracts Manager u l-period works contract.

**6.0 Ħwejjeg oħra**

6.01 Ġie approvat, suġġeriment tas-Sur Paul Aguis, li tinħareġ sejħa għal quotation għat-tindif ta' darba ta' ħaxix ħazin f'ċerti non-urban areas.

6.02 Il-Kunsillier Chris Grech irraporta li għalkemm il-MEPA ma approvatx li jsir il-monument ta' Santa Marija flok l-iljun tal-pjazza, il-MEPA tat ċans li jiġi propost sit alternattiv. Il-Kunsillier Grech f'isem is-Soċjeta Filarmnonika Santa Marija ippreżenta pjanta bil-post alternattiv bħala dak fit-traffic island ta' quddiem Cauchi's Stationery.

6.03 Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsillier Grech jipprepara u jippreżenta l-pjanti ġodda lill-MEPA b'dan il-post ġdid bħala alternattiva.

6.04 Ġie approvat il-ħruġ ta' Tender għat-tkomplija tal-*visiting centre* f'Ta' Bistra b'kollobarazzjoni ma' Heritage Malta. Kif ippreparat mill-perit Maurice Galea. Ġiet wkoll approvata r-rata li għandu jitħallas biha l-Perit Galea għal xogħlijiet professjonali skond l-ittra tiegħu b'risposta għall-*appointment* tiegħu kif deċiż mill-Kunsill.

6.05 Is-Segretarju intalab jikteb ittra lill-Heritage Malta sabiex il-Kunsill jingħata 10 kanuni minn dawk li jinstabu abbandunati fil-Forti tal-Mosta.

6.06 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mogħti struzzjonijiet sabiex jagħti warning lill cleaner tal-Kunsill is-Sinjura Maria Gauci sabiex tara li tosserva regoli ta' segretezza.

6.07 Dwar kera li qed tintalab mill-Housing Authority għal postijiet fiż-Żokkrija, is-Segretarju ġie mitlub jara jekk Kunsilli oħra kienux ġew mitluba wkoll rati hekk għolja.

6.08 Is-Sinjorina Kirby ilmentat minħabba l-fatt li bejjiegħ tal-ħut reġa qed jokkupa post kważi - permanenti fil-pjazza. Ġie approvat li tinkiteb ittra lill-Pulizija dwar dan il-ksur tal-liġi.

6.09 Il-Kunsillier, Mario Sammut wera x-xewqa li tiġi organizzata żjara mill-anzjani Mostin lill President il-ġdid ta' Malta.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.10 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |